# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 28.11.10: L-EWWEL ĦADD TAL-AVVENT**
Illum tibda Is-sena tal-Knisja, s-Sena Liturġika, bil-Ħdud tal-Avvent bi tħejjija għall-Milied.
**IT-TLIETA, 30.11.10: FESTA TA' SAN T'ANDRIJA APPOSTLU.**
**L-ERBGĦA, 1.12.10: Fis-7.00p.m.** Se jiġi organizzat High Tea b'risq il-parroċċa. Ikun fid-Dar Parrokkjali.
**IL-ĦAMIS, 2.12.10:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar
**Fis-7.00a.m.** Ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-6.00p.m.** Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti biex ifakkru t-twaqqif tas-saċerdozju. Fil-quddiesa jsir talb bis-salmi flimkien mal-Komunita'.
**Fis-6.00p.m.** Ikompli l-Kors tal-Liturġija fuq bażi Djoċesana għall-membri tal-Kummissjonijiet tal-Liturġija. Ikun fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar.
**Fis-6.30p.m. LAQGĦA TA' TALB GĦALL-IRĠIEL**
Din tkun fil-knisja u nistiednu lill-irġiel kollha biex jieħdu sehem f'dan il-mument ta' talb.
**IL-ĠIMGĦA,3.12.10: L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**
**JUM INTERNAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITA'**
Illum ikun hawn Ġesu Espost għall-Adorazzjoni mit-8.00 sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem.
Nagħmlu qrar u tqarbina riparatriċi
Ikun hawn adorazzjoni organizzata mit-8.00 sad-9.00a.m mis-2.30 sat-3.30p.m. u mill-5.00 sas-6.00p.m.
Sib ħin biex tgħaddih ma' Ġesu Ewkaristija.
**Fit-8.00p.m.** Se jsir kunċert fl-Oratorju Don Bosco għaż-Żgħażagħ kollha ta' Għawdex. Il-mistieden se jkun il-kantawtur **FR ROBERT GALEA** Malti-Awstraljan li għandu d-diski tiegħu fil-klassifika fl-Awstralja u kanta quddiem il-Papa u eluf kbar ta' nies.
Iż-Żgħażagħ taċ-Ċentru Parrokkjali se jieħdu sehem.
**IS-SIBT, 4.12.10: Mid-9.15a.m.** Sa nofs inhar se ssir konferenza dwar il-persuni b'diżabilita, fis-Sala tal-Ministeru għal-Għawdex.
**Fit-7.45p.m.** Ikompli l-Kors ta' tħejjija għaż-żwieġ u l-ħajja tal-familja. Il-laqgħa tkun fis-sala tad-Dar parrokkjali.
**IL-ĦADD 5.12.10: IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT.**

**Tifkira tal-Isqof Nikol Cauchi**
fl--ewwel Ġimgħa tax-Xahar għall-Professjonisti f'Għawdex
Il-Moviment Gradwati Għawdxin jistieden lill-gradwati u l-membri tal-professjonijiet kollha għall-Quddiesa tal-ewwel Ġimgħa tax-Xahar fit-**3 ta' Diċembru** li se tkun b'suffraġju għal ruħ Mons Cauchi li waqqaf dan il-moviment – u baqa' responsabbli tiegħu sal-aħħar.
Tkun fil-knisja ta' Santu Wistin (Victoria): fit-**8.00pm**

**KATEKEŻI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**
Matul is-Sibtijiet tal-Avvent se ssir laqgħa għaż-żgħażagħ ta' Għawdex fuq il-Kelma ta' Alla. Tkun f'Dar Nazzaret ,ma ġenb Manresa House u tibda fit-8.30p.m.

**IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI**
iċ-Ċentru Parrokkjali qed jiftaħ is-Sibt fis-7.00p.m. u jagħlaq fid-9.30p.m. Nirringrazzja lil Mons Carmelo Gauci li aċċetta li jieħu ir-responsabilta' tiegħu flimkien mal-kollaboraturi l—oħra li qed jagħtu is-sehem tagħhom.
**NIRRINGRAZZJA** lil persuna li għamlet offerta ta' erba' mitt ewro (€400) għall-ispejjes li qed isiru fiċ-Ċentru Parrokkjali, b'risq iż-Żgħażagħ. Grazzi.